MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2008

Numru 389/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Versus**

**Rodrick Spiteri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Rodrick Spiteri ta' 19-il sena iben Raymond u Agnes nee Chetcuti mwieled il-Pieta' fil-5 ta' Lulju 1988 u residenti 182 Triq il-Merħaba Fgura u li huwa detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 306888 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-11 ta' Frar 2008 għall-ħabta tas-06.05 f'Buleben Industrial Estate Żejtun

1) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas t'a ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris tar-

regolamenti, ikkaġuna offiża ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta' Christopher Galea skond kif iċċertifika Dr.Kelvin Cortis MD reg 5080 mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikolu 226(a) (recte: 226(1)(b)) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti, ikkaġuna xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa u cioe' il-vettura FBR 808 tal-għamla Honda għad-dannu ta' Christopher Galea u dan bi ksur tal-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) Saq il-karozza BAO 513 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża.

4) Waqt li kien qed isuq il-vettura BAO 513 qasam il-linja bajda kontinwa.

2. Il-Prosekuzzjoni talbet ukoll sabiex f'każ ta' ħtija l-imputat ikun skwalifikat mil-liċenzji kollha tas-sewqan.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż il-fedina penali tal-imputat, iċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, u ċ-ċertifikat rilaxxjat minn Dr.Kelvin Cortis li juri li l-offiżi sofferti mill-vittma huma dawk li jaqgħu taħt l-artikolu 216(1) tal-Kap 9 .

4. Rat ukoll l-ammissjoni tal-imputat għal dawn l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin raġonevoli biex jaħsibha.

5. Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn huma ppruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni**

6. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 226(1)(b), 328(b) tal-Kap 9, kif ukoll r-regolament 2 tal-Avviż Legali 94 tal-1969, ir-regolament 88 tal-Motor Vehicle Regulations - Avviż Legali 128 tal-1994, u l-artikoli 15(1)(a), 54(2)(i), u 55(1) tal-Kap 65 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih bit-tieni, bit-tielet u bir-raba' imputazzjoni assorbiti fl-ewwel imputazzjoni u qed tikkundannah iħallas multa ta' elf u sitt mitt Ewro €1600 liema multa tista' titħallas b'rata ta' €100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jkunux tħallsu.

7. Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 15(2) tal-Kap 65, qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollha liċenzja tas-sewqan għal tliet xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------